**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru 29**

**Avviz numru 794/02**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Alpha Colour Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm237.36 (mitejn u seba u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) rapprezentanti Lm106.54 minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta konnessi mal-"mobile phone" bin-numru 09492022 u Lm106.54 minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 09492875.

Is-socjeta konvenuta minkejja interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data meta kien dovut l-ammont rikjest fit-talba sad-data tal-pagament.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma prezentatx risposta.

Sema' lil Dr Bepe Fenech Adami jikkonferma li l-ammont ghadu dout.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjea' attrici s-somma ta' Lm237.36 (mitejn u seba u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**